MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-4 ta' Jannar, 2007

Numru. 14/2006

**Il-Pulizija**
**Supretendent Paul Camilleri**
**v**

**MICHAEL BORG**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MICHAEL BORG** ta' ghoxrin sena bin Charles u Jacqueline nee Said, imwieled Manchester, l-Ingilterra nhar l-ghoxrin ta' Frar 1986 u residenti 'Sea Side Court', Flat 3, Triq d-Duluri, Marsalforn, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 209800L gie mressaq quddiemha akkuzat:

a. Talli b'ghemil zieni kkorrompa lil OMISSIS persuna ta' inqas minn disgha snin;

b. Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ikkommetta attentat vjolenti ghal pudur tal-imsemmi OMISSIS;

c. Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, offenda l-pudur jew il-morali b'ghemil li f'post pubbliku u/ jew espost ghal pubbliku.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tlettax ta' Novembru 2006 sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat, din din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigu trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta ta' nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Novembru 2006 [fol 41].

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tal-wiehed w ghoxrin ta' Dicembru 2006.

Ikkunsidrat:

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Mejju 2006 **xehdet OMISSIS** [fol 10] fejn qalet li fil-hamsa w ghoxrin ta' Mejju 2006, hi, flimkien mal-familja taghha u cioe zewgha, il-genituri taghha u zewgt itfal subien wiehed ta' hames u l-iehor ta' wiehed w ghoxrin xahar, kienu r-Ramla l-Hamra fil-limiti tax-Xaghra f'Ghawdex. Qalet li ghal habta tal-erbgha w nofs ta' wara nofsinhar, mar l-imputat presenti fl-awla u stqarr maghhom li fil-bahar kien hemm l-bram u li kien ahjar jekk t-tfal ma jghumux l-barra fil-bahar. Qalet li huma kienu nizlu ghal habta tat-tlieta ta' wara nofisinhar. Qalet li dak l-hin hi dehrilha li l-imputat xtaq jibqa fil-kumpanija taghhom u deher pjuttost agitat.

Ziedet tghid li f'xi hin waqt li kienet qed tlibbes lit-tifel iz-zghir, staqsietu x'kien jismu u minn fejn kien u hu rrispondiha li kien jismu Michael u kien minn Kercem, Ghawdex. Kompliet tispjega li l-imputat staqsiha isem uliedha u kemm kellhom zmien u pogga bil-qeghda hdejhom waqt li t-tarbija kienet f'hogor ommha huwa ppunta subajh lejn il-parti privata tat-tarbija w irrimarka li kien hemm r-ramel fuq il-parti privata tat-tarbija. Qalet li wara ftit din il-mossa rega' rrepetiha pero bid-differenza li fit-tieni okkazzjoni mess l-parti privata tat-tarbija b'subajh. Qalet li dak l-hin hi w ommha warrbulu subajh min hemm u qaltlu biex jitlaq lil hinn.

Qalet li hu qal xi haga bil-Malti li ma fhemitx u dak l-hin intervjena zewgha u qal lil imputat biex jitlaq lil hinn u l-imputat resaq xi ghoxrin pied boghod minnhom, pero baqa jhares fid-direzzjoni taghhom. Spjegat li hi kompliet tlibbes lit-tfal u waqt li kienet qed taghmel hekk, rat lil imputat javvicina turisti ohra li maghhom kellhom ukoll t-tfal u beda jghidilhom l-istess u cioe li kien hemm l-bram fil-bahar. Qalet li wara marru jaghmlu rapport l-ghassa tan-Nadur u baqghu sejrin l-lukanda peress li t-tfal riedu jieklu u jitnadfu. Kompliet tghid li sussegwentement, u cioe l-ghada hi marret l-ghassa tar-Rabat, taghmel rapport u marret l-ghada peress li riedet tiehu hsieb t-tfal u peress li hija tqila wkoll. Qalet li fil-bajja, bram kien hemm, ghalkemm mhux hafna.

In kontro'ezami qalet li waqt li kien qed jigri dak li xehdet, t-tifel l-kbir ta' hames snin kien ghadu fil-bahar ma missieru. Mistoqsija x'kien li nduciha tahseb li l-imputat kien agitat, ix-xhud wiegbet li peress li kienet ratu jirtghod. Mistoqsija jekk fil-fatt kienx hemm ramel fuq il-parti privata tat-tarbija, x-xhud wiegbet li kien hemm u anke fuq saqajh kien hemm. Hi pprecizat li l-imputat ma ghamel ebda mossa fuqu nnifsu, anke meta mess t-tarbija w osservat li l-imputat kien qed ihares lejn t-tfal taghha.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Mejju 2006 **xehdet OMISSIS** [fol 12] fejn qalet li nar l-hamsa w ghoxrin ta' Mejju 2006, hi kienet mat-tfal taghha, zwighhom w t-tfal tat-tifla li ghandhom hames snin u wiehed w ghoxrin xahar

r-Ramla l-Hamra fil-limiti tax-Xaghra f'Ghawdex. Qalet li kienu marru hemm xi hin wara nofsinhar. Qalet li ghal habta tal-erbgha w nofs ta' wara nofsinhar, mar hdejhom l-imputat presenti fl-awla u dam hemm xi ghoxrin minuta u beda jistaqsihom xi domandi u huma rrispondewh. Qalet li l-ewwel kliem li qalilhom kien li fil-bahar kien hemm l-bram u li kien hemm xi hadd li kien diga gie migdum minnhom. Qalet li f'xi hin rat lil imputat jipponta subajh lejn il-parti genitali tat-tarbija li kienet fuq *sun bed* li kienu krew u kienu qed ibidlulha u qalilhom li t-tarbija kellha xi ramel fuqha. Qalet li dak l-hin l-imputat kien bil-wieqfa fuq l-lemin taghha. Qalet li hi dak l-hin hassitha skomda meta qal dak l-kliem u gibdet xugaman madwar t-tarbija u kompliet tfarfar r-ramel minn fuq t-tarbija. Qalet li sussegwentement hi nehhiet x-xuguman minn fuq t-tarbija li spiccat gharwiena u l-imputat mar imiss l-parti genitali tat-tarbija b'subajh. Qalet li meta l-imputat gie kkonfrontat minn zewgha, telaq lil hinn. Qalet li appena l-imputat ppunta subajh lejn il-parti genitali tat-tarbija, kemm hi kif wkoll bintha warrbulu jdejh minn nofs.

In kontr'ezami, qalet li ghal ewwel hi ma qaltlux jitlaq lil imputat u kien meta mess l-parti genitali tat-tarbija li qaltlu jitlaq lil hinn. Qalet li ghal ewwel hu ma riedtx pero meta intervjena zewgha, resaq. Qalet li ghal ewwel irrimarka biss li kien hemm r-ramel fuq il-parti genitali tat-tarbija w t-tieni darba mess l-parti genitali tat-tarbija. Qalet li kien veru li t-tarbija kellha hafna ramel fuqha u ziedet tghid li fit-tieni okkazzjoni hi kienet gia farfret r-ramel minn fuq t-tarbija. Ikkonfermat li apparti din il-mossa, l-imputat ma ghamel ebda mossa ohra u fl-ebda hin ma kien vjolenti jew aggressiv fil-konfront taghhom.

Illi nhar l-hmistax ta' Gunju 2006 **xehed s-Supretendent Paul Camilleri** [fol 17] fejn qal li nhar s-sitta w ghoxrin ta' Mejju 2006, ghal xi t-tlieta w kwart ta' wara nofsinhar, kienet marret l-ghassa certa OMISSIS taghmel rapport li l-jum ta' qabel u cioe l-hamsa w ghoxrin ta' Mejju 2006, ghal xi l-hamsa ta' filghaxija, waqt li kienu jixxemxu r-Ramla l-Hamra, limiti tax-Xaghra fil-kumpanija tal-familja taghha, kien mar guvni fuqhom u qalilhom li kien hemm l-bram fil-bahar. Hi kompliet tallega li meta semghu hekk

iddecidew li jlibbsu lit-tfal taghhom u jitilqu mill-bajja. Qalet li waqt li kienu ghadhom hemm, dan il-guvni kien staqsihom isem t-tfal u kemm kellhom zmien. Qalet li hi qaltilhom li hi kienet pulizija l-Ingilterra w ghalhekk issuspettat hazin u fil-fatt staqsiet lil dan il-guvni ghal ismu u hu rrispondiha li kien jismu Michael u gej minn Kercem. Qalet wkoll li hi kienet keccietu lil hinn peress li hassitha rrabbjata hafna, pero hu baqa hemm ghal ftit hin u wara telaq.

Ix-xhud kompla jispjega li OMISSIS taghthom deskrizzjoni ta' dan il-guvni u wara rrizultalu li kien l-imputat odjern w ghalhekk kien baghat ghalih u wara li tah s-solita twissija, dan irrilaxxja stqarrija li seibixxa bhala dokument PC [fol 19], fejn fiha kien ammetta li lil din il-mara kien qalilha li t-tarbija kellha r-ramel fuq zaqqha, li kienet gharwiena u li mess l-parti genitali tal-istess tarbija.

Illi nhar l-hmistax ta' Gunju 2006 **xehed PS 369 Joseph Mizzi** [fol 22] fejn qal li fis-sitta w ghoxrin ta' Mejju 2006, ghal xi t-tlieta w kwart ta' wara nofsinhar, kellhom rapport li l-jum ta' qabel, ghal xi l-erbgha jew il-hamsa ta' wara nofsinhar, certa OMISSIS kienet mal-familja taghha flimkien ma OMISSIS ta' hames snin u OMISSIS ta' wiehed w ghoxrin xahar r-Ramla l-Hamra limiti tax-Xaghra , meta mar fuqhom guvni u kif ghadda minn hdejhom qalilhom li kien hemm il-bram fil-bahar. Ix-xhud kompla jghid li din allegat li hi tellghet lit-tfal mill-bahar, ixxuttathom, nizzlet il-malja taz-zghir biex tixxuttah u terga tlibbsu. Allegat wkoll mieghu li dak l-hin Michael qabad w ippunta subajh lejn il-parti genitali tat-tarbija taghha. Ix-xhud esibixxa l-okkorrenza relattiva li giet mmarkata bhala dokument PC 2.

Qal li sussegswentement hu kien baghat ghal imptuat u staqih x'kien fil-fatt gara u hu rrispondih li t-tifel kellu r-ramel fuq zaqqu. Qal li mieghu, l-imputat fl-ebda hin m'ammetta li kien mess lit-tarbija. Qal li l-imputat kien qallu li hu kien staqsa ghal isem t-tfal u l-eta taghhom. Qal li OMISSIS kienet allegat li hi kellha suspett fil-guvni u li hi tahdem bhala pulizija u kien ghalhekk li staqsietu ghal ismu wkoll.

Illi b'digriet tas-sebgha w ghoxrin ta' Mejju 2006 il-Qorti nnominat lil Probation Officer Ivan Sultana sabiex ihejji *social inquiry report* dwar l-imputat u dan fuq talba tal-istess imputat.

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Novembru 2006 **xehed l-Probation Officer Ivan Sultana** w ippresenta u halef r-rapport imhejji minnu li gie mmarkat bhala dokument SIR.

Minn ezami tal-istess jirrizulta li jista jkun hemm xi tip ta' problema fl-isfera tas-sesswalita tal-imputat. Minn laqgha li saret mal-*care worker* ta' Michael Borg, Dun Manuel Cordina, dan sostna kif l-imputat kien beda jafda ferm fih u '*in the process of these therapuetical sessions, Michael shared eagerness to learn and demonstrated an innocent and clear attitude towards life in general*." Minn laqgha li saret wkoll mal-konsulent psikjatra Doctor Anton Grech, sostna kif Michael Borg qatt ma bbenefika minn edukazzjoni sesswali u l-eta mentali tieghu hija wahda inqas minn dik fizika. Dan gie konfermat permezz ta' *IQ test*. Fil-fatt l-psikologu kliniku hejja *IQ test* fejn spjega kif mir-rizultat jidher li l-azzjonijiet tieghu huma konsegwenza diretta minhabba '*age inappropriate and immature appraisal of a situation*.'

Illi mill-provi prodotti ma hemmx dubbju li t-tieni [2] w t-tielet [3] reati per se, jirrizultaw ippruvati u l-Qorti tiddikjara li ssibu hati taghhom pero ma thossx li l-ewwel [1] akkuza tirrizulta ppruvata.

Il-Qorti qisiet wkoll l-fatti kollha tal-kaz u thoss li l-piena idoneja f'dawn ic-cirkostanzi, m'ghandhiex tkun dik ta' prigunerija effettiva.

Il-Qorti rat li l-imputat ghandu fedina penali netta w ghaldaqstant, ghandu jigi trattat bhala *a first time offender*, pero thoss li dak li ghamel l-imputat, huwa naccettabbli f'socjeta demokratika w ghalhekk l-imputat ghandu jinghata piena karcerarja sospiza. Il-Qorti thoss wkoll li ghandha taghtih wkoll ordni ta' supervizzjoni sabiex tghinu

jindirizza l-problema mentali li talvolta jista jkollu sabiex b'hekk l-imputat jinzamm fuq t-triq t-tajba.

**Il-Qorti** ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 207 u 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed ssib lil imputat MICHAEL BORG hati tat-tieni [2] w t-tielet [3] akkuza kif dedotti fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sena sospiza ghal tlett [3] snin bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9.**

**In oltre, ai termini tal-artikolu 28G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tpoggi lil imputat Michael Borg taht ordni ta' supervizzjoni ghal perjodu kollu tas-sentenza sospiza w ghalhekk tordna li din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Probation Services sabiex jigi nominat ufficjal idejali ghal tali sorveljanza bil-ghan li l-imputat jinzamm 'l boghod mill-hajja tal-kriminalita.**

**Illi l-kundizzjonijiet ta' din l-ordni ghandhom jiffurmaw parti effettiva minn din is-sentenza.**

**Il-Qorti tiddikjara li ma ssibx lil imputat Michael Borg hati tal-ewwel [1] akkuza u tilliberah minnha.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputat l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li huwa jonqos li josservha u l-imputat iddikjara li fehem ben tajjeb.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------